**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 6 ta' April, 2017**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 1207/2010**

**Karizia Company Limited**

**vs**

**Michael Debono nominat b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) tat-18 ta' Settembru 2009, bhala trustee ta' "The J. Saliba Trust"; Maria Saliba; u James, Michael u Catherine ahwa Saliba ghal kull interess li jista jkollhom bhala beneficcjarji tal-assi f' "The J. Saliba Trust"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-22 ta' Novembru, 2010 li jghid hekk:

1. Illi huwa azzjonist tas-socjeta rikorrenti u ghandu r-rapprezentanza guridika tal-istess;

2. Illi fil-25 ta' Settembru 2007 miet Joseph Saliba (I.D. 48654G) li kien l-azzjonist l-iehor tas-socjeta rikorrenti;

3. Illi Mario Debono u Joseph Saliba kellhom numru ta' socjetajiet bejniethom;

4. Illi Mario Debono kellu r-responsabilita diretta ghall-marketing u business development filwaqt li Joseph Saliba kien responsabbli mill-finanzi u kellu kontroll esklussiv tal-istess;

5. Illi ftit qabel mewtu l-imsemmi Joseph Saliba ammetta u kkonferma b'dikjarazzjoni minnu ffirmata illi huwa kien rnizapproprija flejjes mis-socjetajiet li taghhom huwa kien direttur u unikament responsabbli mill-finanzi;

6. Illi b'att tat-18 ta' Settembru 2008 in atti Nutar Pierre Attard, Joseph Saliba ikkostitwixxa Testamentary Trust bl-isem The J. Saliba Trust u halla bhala uniku eredi universali lil Julius Nehorai sabiex, bhala trustee, jircievi u jzomm il-proprjeta "on trust" ghall-beneficcju tat-tlett ulied ta' Joseph Saliba l-intimati James, Michael u Catherine (il-Beneficjarji) (Dok. "A");

7. Illi l-intimat Michael Debono (ID 240268M) gie nominat b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) tat-18 ta' Settembru, 2009, bhala trustee ta' "The J. Saliba Trust" minnflok Julius Nehorai;

8. Illi fost l-proprjeta li halla on trust l-imsemmi Joseph Saliba kien hemm l-ishma li kellu fis-socjetajiet li kellu ma' Mario Debono inkluzi dawk fis-socjeta rikorrenti;

9. Illi inoltre huwa halla lill-martu sehmu mid-dar residenzjali bil-kondizzjoni rizoluttiva li dina tassenja sehma mill-ishma fis-socjetajiet li jifformaw parti mill-kommunjoni ta' akkwisti, lill-eredi tieghu fi zmien sitt xhur minn mewtu;

10. Illi martu ma onoratx dina l-kondizzjoni;

11. Illi kwalsiasi flus li setgha immizapproprija Joseph Saliba gew jifformaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti li kellu ma' martu u kwindi ghandha tirrispondi ghalihom l-intimata Maria Saliba kif ukoll Michael Debono bhala trustee ta' "The J. Saliba Trust";

12. Illi l-accountant tas-socjetajiet Steven Galea u l-awditur Stefan Bonello Ghio tqabbdu sabiex jistabilixxu x'nuqqasijiet ta' flus irrizultaw mil-kotba tas-socjetajiet u liema minn dawn id-diskrepanzi kien responsabbli ghalihom Joseph Saliba;

13. Illi dawna waslu ghall-konkluzjonijiet taghhom dwar l-ammonti mizapproprijati kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Jghidu ghalhekk l-intimati:
Prevja dikjarazzjoni li l-imsemmi Joseph Saliba immizapproprija flejjez mill-fondi tas-socjeta rikorrenti, u
Prevja dikjarazzjoni li dawna l-flejjez hekk mizapproprijati ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-intimati solidalment bejniethom,

Ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex:-
1. Tillikwida l-ammont mizapproprijat mill-mejjet Joseph Saliba mill-fondi tas-socjeta rikorrenti;
2. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-intimati li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok l-intimati jiddikjaraw illi qeghdin jipprezentaw risposta guramentata wahda minhabba ragunijiet ta' spejjez.

2. Illi preliminarjament is-socjeta rikorrenti ghandha qabel xejn tigi ordnata li tipprezenta d-dikjarazzjoni imsemmija fil-premessa numru hamsa (5) tar-rikors guramentat promotur, dejjem jekk tezisti.

3. Illi preliminarjament ukoll is-socjeta rikorrenti ghandha qabel xejn tigi ordnata li tiddikjara xi prova bi hsiebha taghmel b'kull xhud minnha indikat fil-Lista ta-Xhieda.

4. Illi r-rispondenti qeghdin ghalhekk minn issa jirriservaw id-dritt li jitolbu l-awtorizazzjoni ghall-prezentazzjoni ta' risposta ulterjuri wara li s-socjeta rikorrenti tissodisfa dak indikat fiz-zewg paragrafi precedenti.

5. Illi wkoll it-talbiet ma jsegwux mill-premessi dedotti fir-rikors guramentat stante illi filwaqt li fil-premessa numru tnax (12) gie dikjarat illi l-ammont mizapproprjat huwa stabbilit bl-opra tal-accountant u l-awditur tas-socjeta rikorrenti, imbaghad l-istess socjeta rikorrenti talbet illi l-ammont allegatament mizapproprjat jigi likwidat.

6. Illi sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost l-intimati James, Michael u Catherine ahwa Saliba certament li mhumiex il-legittimi kontraditturi stante illi huma mhumiex il-werrieta tad-defunt Joseph Saliba li allegatament wettaq l-allegata mizapproprjazzjoni u dan kif anke konfermat bil-gurament ta' Mario Debono mill-istess socjeta rikorrenti fil-premessa numru hdax (11) tar-rikors guramentat.

7. Illi wkoll l-intimata Maria Saliba mhijiex il-legittima kontradittrici u ma twegibx ghat-talbiet attrici stante li (i) f'kull kaz hija mhijiex eredi tad-defunt zewgha Joseph Saliba u dan kif konfermat mill-istess socjeta rikorrenti fis-sitt (6) premessa dedotta fir-rikors guramentat; u (ii) l-intimat Maria Saliba bl-ebda mod ma twiegeb jew hija responsabbli ghar-rifuzjoni jew hlas ta' xi flus allegatament mizapproprjati mid-defunt zewgha Joseph Saliba gialadarba qed jigi allegat li tali flus gew mehuda indebitament b'reat maghmul bir-rieda tal-imsemmi defunt zewgha, kif issa, wara mewtu, qed jigi allegat mis-socjeta rikorrenti.

8. Illi d-disa' (9) u l-ghaxar (10) premessa dedotta fir-rikors guramentat huma ghal kollox irrelevanti ghal din il-kawza u ma jallaccjaw assolutament xejn mat-talbiet attrici u ghalhekk ghandhom jigu estromessi mill-istess rikors guramentat.

9. Illi din il-kawza qed issir b'mod qarrieqi minn Mario Debono ghan-nom tas-socjeta rikorrenti Karizia Company Limited ghaliex kif allegat mill-istess socjeta rikorrenti fit-tielet (3) premessa citattiva d-defunt Joseph Saliba u l-istess Mario Debono kellhom numru ta' socjetajiet bejniethom (The Village Pharmacy Limited; Surgiquip Limited; Saldeb Holdings Limited; Alliance Unichem Limited; u Pharmapak Limited), liema socjetajiet - bl-eccezzjoni proprju tas-socjeta rikorrenti Karizia Company Limited - huma kollha midjunin u minghajr assi immobbli izda konvenjentement ghall-istess Mario Debono qed jigi allegat illi l-allegata mizapproprjazzjoni ta' flus saret biss ghad-dannu u d-detriment tas-socjeta rikorrenti Karizia Company Limited, proprju l-unika socjeta minn dawn is-socjetajiet kollha illi ghandha proprjeta immobbli taghha.

10. Illi f'kull kaz l-oneru tal-prova dwar l-allegata mizapproprjazzjoni da parti tad-defunt Joseph Debono u dwar l-ammont allegatament mizapproprjat u dwar liema mis-socjetajiet kollha illi Mario Debono u d-defunt Joseph Saliba kellhom bejniethom

jinkombi unikament fuq is-socjeta rikorrenti u dan skond il-massima 'onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat'.

11. Illi wkoll mhuwiex minnu dak allegat mis-socjeta rikorrenti illi d-defunt Joseph Saliba kien jiehu hsieb unikament il-finanzi tas-socjeta rikorrenti u kellu kontroll tal-istess ad eskluzjoni ta' Mario Debono stante illi l-finanzi tas-socjeta rikorrenti kienu taht il-kontroll taz-zewg azzjonisti u diretturi u cioe kemm ta' Mario Debono u kif ukoll tad-defunt Joseph Saliba.

12. Illi ghandu jigi rilevat ukoll illi d-defunt Joseph Saliba u l-intimata Maria Saliba kienu ghaddejjin minn proceduri ferm serrati ta' separazzjoni personali u l-istess defunt Joseph Saliba kien qed jaghmel minn kollox sabiex jaghmel hsara lill-intimata martu Maria Saliba wara illi hija talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra tieghu sabiex huwa ma jkunx jista' jittrasferixxi ebda ishma lilu appartenenti f'ebda wahda mis-socjetajiet kummercjali illi fihom huwa kien azzjonista.

13. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta rikorrenti.

Rat l-atti, ir-relazzjoni tal-periti gudizzjari u l-eskussjoni, u n-nota ta’ sottmissjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula minn kumpaniji kontra azzjonist u direttur tal-istess biex jirrifondi flus allegatament mehuda minnu personalment mill-fondi tal-istess kumpanija bla ma kellu awtorizzazzjoni jew kunsens tal-kumpanija u ad insaputa tad-diretturi u azzjonist l-iehor tal-istess kumpanija cioe Mario Debono.

Fi-termini semplici taghha hu dritt ta’ kull kumpanija li tfittex biex tirkupra fondi appartenenti lilha li gew mehuda indebitament minn socju u/jew direttur tal-kumpanija. Din hi azzjoni li ghandha bhala prova primarja in sostenn tal-allegazzjoni tat-tehid bla dritt ta’ flejjez tal-kumpanija dikjarazzjoni maghmula mill-istess socju u direttur l-iehor cioe Joseph Saliba li fit-23 ta’ Settembru 2007, meta kien fuq is-sodda tal-mewt tieghu iffirma dikjarazzjoni li mill-provi prodotti jidher li giet redatta minn xi persuna mqabbda minnu pero li giet iffirmata minnu (ara fol. 32 tal-process). Din id-dikjarazzjoni tikkontjeni stqarrija tan-nuqqas kommess minnu fis-sens li ammetta li

hu kien issotratta flejjez fuq perjodu ta' aktar minn hames snin qabel l-imsemmija dikjarazzjoni u dan minhabba diffikultajiet finanzjari. Joe Saliba miet jumejn wara.

Il-Qorti ma tarax ghaliex ma ghandhiex taghti l-piz probatorju li johrog minn din id-dikjarazzjoni bhala ammissjoni ta' responsabilta cara da parti tal-istess Joe Saliba li hu debitur. Ghalkemm hemm xiehda kemm ta' bin Joe Saliba cioe James Saliba u tat-tabib kuranti tieghu l-Professor Emanuel Farrugia dwar l-istat fragili hafna ta' sahha tal-istess Joe Saliba u l-medicini li kien qed jinghata biex itaffilu l-ugiegh specjalment tul l-ahhar jumejn ta' hajtu u kif dawn setghu effettwaw l-istat psikiku tieghu, jinghad li ma hemm ebda eccezzjoni fis-sens illi Joe Saliba ma ghamilx din id-dikjarazzjoni volontarjament jew li b'xi mod iehor din id-dikjarazzjoni hi annullabli ghal raguni ta' xi vizzju tal-kunsens.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi bhala prova ta' fatt hu pruvat illi Joseph Saliba ikkostitwixxa ruhu debitur ghal tehid ta' flejjez bla kunsens jew awtorizazzjoni.

**Eccezzjonijiet preliminari**

Qabel ma l-Qorti tikkunsidra l-provi fuq il-mertu dwar l-estent tar-responsabilta ta' Joseph Saliba, irid jittiehed kont dwar min hu responsabbli ghar-radd lura tal-istess indebitu. Mart Joseph Saliba, Maria Saliba, ma xehditx f'dawn il-proceduri pero ghalkemm jidher li hi u zewgha kienu ghaddejjin minn problemi matrimonjali, ma hemmx hjiel li huma kienu separati fil-mument tal-mewt ta' Joseph Saliba u anqas li bejniethom ma kienx japplika l-prezunzjoni tal-ligi li r-regim matrimonjali bejniethom kien regolat bl-istitut tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti pero tqis li hemm zewg fatti li jezoneraw lil Maria Saliba minn kull responsabilta. Fl-ewwel lok Maria Saliba ma hiex l-eredi ta' Joseph Saliba skond l-ahhar testament tieghu datat 18 ta' Settembru 2007 (fol. 5 et seq. tal-process) pero hallielha legat ta' proprjeta immobbli soggett ghal kundizzjoni rizoluttiva li entro sitt xhur tassenja s-sehem taghha mill-ishma li hi kellha ma' zewgha f'kumpaniji li hi setghet tivvanta bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Mill-atti ma jirrizultax illi dan it-trasferiment qatt sar u ghalhekk hi ghadha tgawdi sehemha mill-ishma li

zewgha kellu fil-kumpaniji li fihom kien azzjonist kif ukoll sehemu mill-assi l-ohra ta' zewgha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Jista' jigi argumentat li la darba l-komunjoni tal-akkwisti arrikiet ruhha bl-indebitu kommess minn zewgha, hi bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti trid tirrispondi b'sehemha ghal dan l-indebitu. Dan jirrizulta minn qari tal-artikolu 1327(f) tal-Kap. 16 li jghid hekk:

> kull dejn jew indennizz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda.

Madankollu jirrizulta lil Qorti illi l-att kommess min Joseph Saliba, ammess minnu stess, mhux debitu kummerjcali semplici, izda att ta' misapproprjazzjoni indebita maghmula b'intenzjoni, ta' flejjez appartenenti lil terzi li hu passibbli u punibbli bhala reat kriminali. L-artikoli rilevanti tal-ligi huma l-artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 li jghidu hekk:

> 293. Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:
> Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti.
>
> 294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn

Hu pacifiku illi Joseph Saliba espona ruhu, bl-azzjoni tieghu minnu ammessa, ghal passi u proceduri kriminali ta' reat li allura ghalih ma tirrispondiex il-komunjoni izda biss il-persuna li kkommettiet ir-reat jew f'dan il-kaz l-eredi tieghu. Biex il-konvenuta martu tista' b'xi mod tigi misjuba responsabbli trid issir il-prova tal-komplicita jew akkwiexxenza ghar-reat. Pero f'dan il-kaz, din il-prova, li tispetta lis-socjeta attrici, ma saritx u ghalhekk il-konvenuta Maria Saliba ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-istess ragunament ulied Joseph Saliba personalment ma jistghux jitqiesu legittimi kontradditturi tal-azzjoni attrici ghaliex huma ma thallewx bhala eredi fit-testment ta' Joseph Saliba izda biss bhala beneficjarji ta' trust li ghandha personalita guridika

awtonoma u indipendenti minnhom, u fil-fatt hi t-trust msemmija 'The J. Saliba Trust' li hi l-werrieta ta' Joseph Saliba u ghalhekk ghandha tirrispondi ghat-talba attrici. Jigi rilevat li skond artikolu 2.1.iii tat-testamentary trust jinghad illi t-trustee kellu jhallas kull dejn dovut minn assi ereditarju ta' Joseph Saliba.

**Prova tad-debitu**

Ghalhemm jirizulta illi Joseph Saliba iddikjara ruhu debitur ma' Mario Debono, is-sieheb tieghu fin-negozju, permezz tad-dikjarazzjoni tat-23 ta' Settembru 2007 jinstiltu certi fatti li jridu jigu kunsidrati. Joseph Saliba ma jiddikjarax f'ebda hin l-ammont li hu debitur ghalih u lanqas ma jispecifika min hu l-kreditur. Id-dikjarazzjoni hi indirizzata lis-sieheb Mario Debono. Jirrizulta mill-istess xiehda ta' Mario Debono (fol. 66 tal-process) ili hu kien shab ma' Joseph Saliba f'diversi kumpaniji ohra relatati cioe The Village Pharmacy Limited, Saldeb Holdings Limited, Surgiquip Limited, u sussidjarja taghha Alliance Unichem Limited, ghalkemm fi proporzjon ta' ishma mhix ugwali.

Kwindi jinkombi fuq is-socjeta attrici li tipprova li l-mizappropriazzjoni saret minn fondi taghha billi t-talba qed issir minnha biss kif ukoll prova tal-ammont tad-debitu dovut. Is-socjeta attrici qed tippretendi risarciment tas-somma ta' €779,629 bhala l-ammont dovut minn Joseph Saliba. Fuq din il-kwistjoni irrelataw il-periti gudizjarji li waslu ghal konkluzjoni illi s-socjeta attrici ma rnexxielhiex tipprova d-dannu. Din il-Qorti fliet il-provi u tasal ghall-istess konkluzjoni.

Jibda biex jinghad illi nonostante li l-istess Joseph Saliba isemmi lil certu Stephen Galea li kien qed ilesti l-kontijiet, din il-persuna ma ttellatx tixhed. In oltre flok gew esebiti l-audited accounts relattivi ghall-2007, snin ta' qabel u wara biex jigi pruvat l-ammont tal-indebitu kommess, gew esebiti biss audited accounts tal-2010 relattivi ghal Karizia Company Limited (ara fol. 144 tal-process) li juri biss fil-kolonna 'stocks' (fol. 151 tal-process), l-ammont ta' €779,629 bhala 'trade and other receivables' u n-notament '8' li hemm hdejn l-ammont jghid biss 'other debtors' u l-ammont ta' €779,629. L-awditur hu Stefan Bonello Ghio li wkoll ma ttellax bhala xhud, ghalkemm l-istess Mario Debono jixhed illi kienu Stephen Galea u Stefan Bonello Ghio li

ghamlu r-rikostruzzjoni tal-kotba u harget l-istampa tal-qaghda tal-kumpaniji (sottolinear tal-Qorti). Ma hemm ebda spjegazzjoni jew prova li turi kif id-debitu ta' €779,629 waslet ghalih is-socjeta attrici u anqas kif jirrizulta li dan l-ammont gie mizapproprjat minn Joseph Saliba minn din il-kumpanija u mhux mill-ohrajn li fihom kien shab ma' Mario Debono. In oltre hu stess jixhed testwalment fis-seduta quddiem il-periti gudizjarji tal-10 ta' Mejju 2011:

> Fil-laqgha tat-23 ta' Settembru 2007 fl-isptar fejn kien rikoverat ikkonferma li kien hemm nuqqas ta' flus jew flus nieqsa nippreciza li kien stqarr mieghi li kien ha u qed jiehu flus ghaliha mill-kumpaniji meta nghid kumpaniji qed nirreferi ghal kollha.

Il-periti gudizjarji specjalment fejn jikkoncerna l-perit komputista li anki ghamel risposti dettaljati fl-eskussjoni li saritlu ma sabx konnessjoni bejn l-ammont ta' €779,629 ma xi ammont li jallacja lil Joseph Saliba fil-mizapproprju li ghamel u anqas jekk dak il-mizapproprju sarx mill-kumpanija attrici jew min ohrajn mhux parti f'din il-kawza.

Is-socjeta attrici hi obbligata tressaq l-ahjar prova in sostenn tat-talba taghha u f'kaz li tingieb kwalsiasi prova l-Qorti hi obbligata tara jekk tali prova twassalhiex ghal konvincement morali li l-allegazzjoni giet pruvata. Kif ben ikkwota l-perit legali mill-kawza **Mario Mifsud u Carmelo Mifsud** (nru. 1536/99) deciza mill-Qorti tal Appell Inferjuri fit-12 ta' Novembru 2003:

> l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta l-attur minn naha tieghu ikun gab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tieghu.
> Fil-kaz, imbaghad, li l-konvenut ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika tal-assunt tal-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti l-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fih l-obbligu li hu wkoll igib il-quddiem prova dimostrattiva a sensu tal-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'kaz ta' prova insufficcjenti jew insodisfacenti.

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi s-socjeta attrici ma ppruvatx li hi sofriet id-dannu minnha allegat. Din il-Qorti anqas tista' taghti xi ammont bhala arbitrio u boni viri peress illi dan ma japplikax fejn jispetta lil parti li ttella' l-prova u din naqset li taghmlu.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' s-sitt u seba' eccezzjonijiet tal-konvenuti u tiddikjara lil Maria Saliba, James, Michael u Catherine ahwa Saliba, mhux legittimi kontradditturi u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizju, tichad it-talbiet attrici ghax ma giex pruvat illi s-socjeta attrici sofriet id-dannu minnha allegat. Spejjez ghas-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur